MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 36/2011

Kawza fil-lista: 77

**A B**
**vs**
**Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Dorren Aquilina**
**Li b'digriet tal-14 ta' Marzu 2011 gew nominati**
**Kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C M B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Lulju 1977, u f'dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum it-tnejn maggorenni; li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u abbandun ghal snin twal kommessi mill-konvenut; li l-istanza odjerna giet debitament awtorizzata mill-Qorti

Civili Sezzjoni tal-Familja; u ghalhekk qed titlob li dina il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut; [2] tiffissa manteniment ghall-attrici; [3] tapplika kontra l-konvenut l-artikoli 48, 50, 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; [4] tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tasssenjaha lill-partijiet; [5] tawtorizza lill-attrici tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza moghtija minn dina l-Qorti; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati rrispondew li mhux edotti mill-fatti u jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunkiaw mal-assenti.

Rat il-lista tax-xhieda u l-affidavids prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob lil din il-Qorti tippronunzja s-separazjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi, abbandun ghal snin twal u minhabba li z–zwieg tkisser irrimedjabbilment.

Minn naha tieghu l-konvenut assenti ma prezentax risposta fuq il-meritu.

L-attrici qed titlob wkoll li din l-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali gha-separazzjoni

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Lulju 1977, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal li llum huma maggjorenni. L-attrici ilha ma tara lil zewgha l-konvenut ghal dawn l-ahhar 25 sena.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-attrici telqet lil zewgha 25 sena ilu fejn kienu jghixu fil-Libja u giet Malta maz-zewg uliedha, u dan minhabba l-fatt li hija tghid li kien ikun fis-sakra, isawwatha, u wettaq adulterju. Illi minn dak iz-zmien qatt ma kien hemm kuntatt bejn il-partijiet. Illi l-partijiet kienu ilhom jghixu fil-Libya ghal tmien snin ghalkemm l-attrici kienet tigi Malta spiss. Illi bint il-partijiet rat lill-missierha darba biss f'hajjitha meta kellha circa 6 snin.

Ghalhekk jidher li l-partijiet ilhom de facto separati ghal numru kbir ta' snin.

Illi mill-verzjoni tal-fatti mhux kontradetti jirrizulta li l-attrici kienet telqet mid-dar konjugali minhabba l-komportament abuziv da parti ta' zewgha, li rrenda nsapportabbli ghaliha l-konvivenza matrimonjali, u li ghalhekk jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16. Inoltre, il-konvenut ikkommetta adulterju fit-termini ta' l-artikolu 38 ta' l-istess kap.

Illi rigward il-komunjoni ta' l-akkwisti, jidher li hemm xi oggetti li l-partjiet akkwistaw wara s-separazzjoni de facto, kif ukoll kont bankarju li l-attrici tircevi l-ghajnuna socjali fih.

Illi rigward il-manteniment dovut lill-attrici, il-Qorti tosserva li ma ngabux provi dwar l-introjtu tal-konvenut, u li fuqu din il-Qorti tista' tikkomputa retta alimentarja ghall-attrici. Ghalhekk il-Qorti f' dan il-gudizzju ser tillimita ruhha billi tafferma d-dritt ta' l-attrici li tezigi manteniment minghand il-konvenut, bhala l-parti hatja ghas-separazzjoni, kemm-il darba din tkun bla mezzi adegwati.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut;
[2] tilqa' t-tieni talba limitatament billi tafferma d-dritt ta' l-attrici li tezigi manteniment minghand il-konvenut meta din tkun fil-pozizzjoni li taghmel hekk;

[3] tilqa’ it-tielet talba;
[4] tilqa’ ir-raba’ talba fis-sens li tiddikjara xjolta l-kommunjoni ta’ l-akkwisti , u li din ghandha tigi likwidata u assenjata billi kull parti izzomm l-oggetti mobbli li jinsabu fil-pussess taghha u kull wiehed mill-partijiet izomm il-kontijiet bankarji intestati f’isimu rispettivament, filwaqt li kull wiehed mill-partijiet ikun unikament responsabbli ghal kwalunkwe dejn ikkuntrattat minnu jew minnu;
[5] tawtorizza lill-attrici tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe ‘Baldacchino’ u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dak kollu mehtieg f’dan is-sens.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut; izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------